# PATT TAS-SINDKI

**BILLI,** il-Panel Intergovernattiv dwar il-Bidla fil-Klima kkonferma li l-bidla fil-klima hija realtà u li l-kawża ewlenija hija l-użu ta' l-enerġija għall-attivitajiet tal-bniedem;

**BILLI,** fid-9 ta' Marzu 2007 l-UE adottat il-pakkett għall-Enerġija għal Dinja li Qiegħda Tinbidel, u impenjat ruħha biex tnaqqas l-emissjonijiet ta' $CO_2$ b'20 % sa l-2020, permezz ta' żjieda ta' 20 % fl-effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija u ta' sehem ta' 20 % tas-sorsi ta' enerġija li jiġġeddu fit-taħlita ta' enerġija;

**BILLI,** il-Pjan ta' Azzjoni għall-Effiċjenza fl-Użu ta' l-Enerġija: Inwettqu l-Potenzjal ta' l-Unjoni Ewropea jinkludi bħala prijorità l-ħolqien ta' "Patt tas-Sindki";

**BILLI,** il-Kumitat tar-Reġjuni ta' l-UE jenfasizza l-ħtieġa li l-qasam lokali u reġjonali jingħaqdu flimkien, peress li l-gvernanza fuq ħafna livelli hija għodda effettiva għat-tisħiħ ta' l-effiċjenza ta' l-azzjonijiet li għandhom jittieħdu kontra l-bidla fil-klima, u għalhekk jippromovi l-parteċipazzjoni tar-reġjuni fil-Patt tas-Sindki;

**BILLI,** aħna lesti nsegwu r-rakkomandazzjonijet tal-Karta ta' Leipzig dwar il-Bliet Ewropej Sostenibbli, fir-rigward il-ħtieġa li tittejjeb l-effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija;

**BILLI,** aħna konxji ta' l-eżistenza ta' l-Impenji ta' Aalborg, bħala l-bażi ta' ħafna sforzi li għaddejjin bħalissa favur is-sostenibbiltà urbana kif ukoll proċessi fi ħdan l-Aġenda Lokali 21;

**BILLI,** aħna nirrikonoxxu li l-gvernijiet lokali u reġjonali jaqsmu r-responsabbiltà għall-ġlieda kontra t-tisħin globali flimkien mal-gvernijiet nazzjonali u għandhom ikunu impenjati lejn dan il-għan indipendentement mill-impenji ta' partijiet oħra;

**BILLI,** il-bliet huma responsabbli b'mod dirett u indirett (permezz tal-prodotti u s-servizzi użati miċ-ċittadini) għal iktar min-nofs l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra joriġinaw mill-użu ta' l-enerġija għall-attività tal-bniedem;

**BILLI,** l-impenn ta' l-UE sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet ser jintlaħaq biss jekk il-partijiet interessati lokali, iċ-ċittadini u r-ragruppamenti tagħhom jagħtu sehemhom;

**BILLI,** il-gvernijiet lokali u reġjonali, li jirrappreżentaw l-amministrazzjoni l-iktar qrib taċ-ċittadin, jeħtieġu jmexxu l-azzjoni u jservu ta' eżempju b'għemilhom;

**BILLI,** ħafna mill-azzjonijiet fir-rigward tad-domanda għall-enerġija u s-sorsi ta' l-enerġija li jiġġeddu, neċessarji sabiex tiġi indirizzata l-bidla fil-klima, jaqgħu fl-ambitu ta' kompetenza tal-gvernijiet lokali, jew ma jkunux jistgħu jsiru mingħajr l-appoġġ politiku tagħhom;

**BILLI,** l-Istati Membri ta' l-UE jistgħu jibbenefikaw minn azzjoni effettiva deċentralizzata fil-livell lokali sabiex jilħqu l-impenji tagħhom fit-tnaqqis ta' emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra;

**BILLI,** il-gvernijiet lokali u reġjonali madwar l-Ewropa qed inaqqsu l-pollutanti li jikkawżaw it-tisħin globali bis-saħħa ta' programmi għall-effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija, inkluża l-mobilità urbana sostenibbli, u l-promozzjoni ta' sorsi ta' enerġija li jiġġeddu;

**AĦNA, IS-SINDKI, NIMPENJAW RUĦNA SABIEX:**

**Nimxu lil hinn mill-objettivi** stipulati mill-UE għall-2020, innaqqsu l-emissjonijiet ta' $CO_2$ fit-territorji rispettivi tagħna b'iktar minn 20 %, permezz ta' l-implimentazzjoni ta' Pjan ta' Azzjoni għall-Iżvilupp Sostenibbli għal dawk l-oqsma ta' attività rilevanti għall-mandati tagħna. L-impenn u l-Pjan ta' Azzjoni ser jiġu ratifikati permezz tal-proċeduri rispettivi tagħna;

**Inħejju inventarju ta' bażi ta' l-emissjonijiet** bħala l-bażi għal Pjan ta' Azzjoni għall-Iżvilupp Sostenibbli;

**Inressqu l-Pjan ta' Azzjoni għall-Iżvilupp Sostenibbli** fi żmien sena wara li kull wieħed minnha jkun iffirma b'mod formali l-Patt tas-Sindki;

**Nadattaw strutturi tal-bliet**, inkluż l-allokazzjoni ta' riżorsi umani suffiċjenti, sabiex inwettqu l-azzjonijiet neċessarji;

**Nimmobilizzaw is-soċjetà ċivili fiż-żoni ġeografiċi tagħna sabiex jieħdu sehem fl-iżviluppar tal-Pjan ta' Azzjoni,** billi nfiehmu l-politiki u l-miżuri meħtieġa sabiex jiġu implimentati u mwettqa l-objettivi tal-Pjan. Pjan ta' Azzjoni ser jitfassal f'kull territorju u għandu jiġi ppreżentat lis-Segretarjat tal-Patt fi żmien sena wara li jiġi ffirmat;

**Inressqu rapport ta' implimentazzjoni** mill-inqas kull sentejn wara t-tressiq tal-Pjan ta' Azzjoni għal finijiet ta' evalwazzjoni, monitoraġġ u verifika;

**Naqsmu l-esperjenza tagħna** u l-għarfien ma' unitajiet territorjali oħrajn;

**Norganizzaw Jiem dwar l-Enerġija jew Jiem dwar il-Patt tal-Bliet** b'kooperazzjoni mal-KE u partijiet interessati oħra, li jippermettu liċ-ċittadini jibbenefikaw direttament mill-opportunitajiet l-vantaġġi offruti bis-saħħa ta' użu iktar intelliġenti ta' l-enerġija, u sabiex il-midja lokali tiġi mgħarrfa b'mod regolari dwar żviluppi li jirrigwardaw il-pjan ta' azzjoni;

**Nattendu u nagħtu sehmna fil-Konferenza Annwali tas-Sindki ta' l-UE** għal Ewropa li tuża Enerġija Sostenibbli;

**Inkattru l-messaġġ tal-Patt** fil-pjattaformi xierqa, u b'mod partikulari nħeġġu Sindki oħra biex jissiebħu fil-Patt;

**Naċċettaw terminazzjoni tas-sħubija tagħna fil-Patt**, suġġetta għal avviż bil-miktub minn qabel maħruġ mis-Segretarjat, f'każ ta' wieħed minn dawn il-punti:

i) in-nuqqas li jiġi ppreżentat Pjan ta' Azzjoni għall-Enerġija Sostenibbli fi żmien sena wara l-iffirmar formali tal-Patt;

ii) in-nuqqas ta' konformità ma' l-objettiv globali ta' tnaqqis tas-$CO_2$ kif stipulat fil-Pjan ta' Azzjoni, minħabba nuqqas ta' implimentazzjoni jew implimentazzjoni mhux suffiċjenti tal-Pjan ta' Azzjoni;

iii) in-nuqqas li jitressaq rapport għal żewġ perijodi suċċessivi.

**AĦNA S-SINDKI NAPPOĠĠJAW**

**Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea li timplimenta u tiffinanzja struttura** ta' appoġġ tekniku u promozzjonali, inkluża implimentazzjoni ta' għodda ta' evalwazzjoni u ta' monitoraġġ, mekkaniżmi li jiffaċilitaw l-iskambju ta' għarfien bejn it-territorji u għodda sabiex tiġi faċilitata r-replikazzjoni u l-multiplikazzjoni ta' miżuri li jkollhom suċċess, fil-limiti tal-baġit tagħhom;

**Ir-rwol tal-Kummissjoni Ewropea li tassumi koordinazzjoni** tal-Konferenza tas-Sindki ta' l-UE għal Ewropa li tuża Enerġija Sostenibbli;

**L-intenzjoni dikjarata tal-Kummissjoni Ewropea li tiffaċilita l-iskambju ta' esperjenza** fost l-unitajiet territorjali parteċipanti, l-għoti ta' linji gwida u eżemplari għal implimentazzjoni li jista' jkun hemm, u r-rabta ma' attivitajiet u netwerks eżistenti li jappoġġjaw ir-rwol tal-gvernijiet lokali fil-qasam tal-ħarsien tal-klima. Dawn l-eżemplari li jservu ta' punt ta' riferiment għandhom ikunu parti integrali ta' dan il-Patt, li għandu jiġi stipulat fl-appendiċi tiegħu;

**L-appoġġ tal-Kummissjoni Ewropea għar-rikonoxximent u l-viżibbiltà pubblika** tal-bliet li qed jieħdu sehem fil-Patt permezz ta' l-użu ta' logo ddedikat li jirrappreżenta Ewropa li tuża Enerġija Sostenibbli, u l-promozzjoni permezz tal-faċilitajiet ta' komunikazzjoni tal-Kummissjoni;

**L-appoġġ qawwi tal-Kumitat tar-Reġjuni** għall-Patt u l-objettivi tiegħu, bħala rappreżentant ta' l-awtoritajiet lokali u reġjonali fl-UE;

L-għajnuna li dawk l-Istati Membri, reġjuni, provinċji, bliet "konsulenti" (mentor cities) u **strutturi istituzzjonali** oħrajn li jappoġġjaw il-Patt jipprovdu lill-muniċipalitajiet iżgħar sabiex ikunu jistgħu jimxu mal-kundizzjonijiet stipulati f'dan il-Patt;

**AĦNA S-SINDKI NISTIEDNU**

**Lill-Kummissjoni Ewropea u l-amministrazzjonijiet nazzjonali** jistabbilixxu skemi ta' kooperazzjoni u strutturi ta' appoġġ koerenti li jgħinu lill-firmatarji jimplimentaw il-Pjanijiet ta' Azzjoni dwar l-Enerġija Sostenibbli.

**Lill-Kummissjoni Ewropea u l-amministrazzjonijiet nazzjonali** jikkunsidraw l-attivitajiet fil-Patt bħala prijoritajiet fil-programmi ta' appoġġ rispettivi tagħhom u sabiex jgħarrfu u jinvolvu lill-bliet fit-tfassil ta' politiki u skemi ta' finanzjament li jikkonċernaw il-livell lokali fil-kamp ta' applikazzjoni ta' l-objettivi tal-Patt.

**Lill-Kummissjoni Ewropea tinnegozja mal-parteċipanti finanzjarji** sabiex jiġu stabbiliti faċilitajiet finanzjarji li l-għan tagħhom ikun li jgħinu fit-twettiq tal-ħidmiet fi ħdan il-Pjanijiet ta' Azzjoni.

**Lill-Amministrazzjonijiet nazzjonali** sabiex jinvolvu lill-gvernijiet lokali u reġjonali fit-tħejjija u l-implimentazzjoni tal-Pjanijiet ta' Azzjoni Nazzjonali dwar l-Effiċjenza fl-Użu ta' l-Enerġija u tal-Pjanijiet ta' Azzjoni Nazzjonali għal Sorsi ta' l-Enerġija li Jiġġeddu.

**Lill-Kummissjoni Ewropea u lill-amministrazzjonijiet nazzjonali** sabiex jappoġġjaw l-implimentazzjoni tal-Pjanijiet ta' Azzjoni dwar l-Iżvilupp Sostenibbli tagħna b'mod kli jimxi mal-prinċipji, ir-regoli u l-modalitajiet diġà miftiehma, u dawk li jista' jkun li jsir qbil dwarhom mill-Partijiet għall-futur fil-livell globali, b'mod partikulari fi ħdan il-Konvenzjoni Qafas tan-NU dwar il-

Bidla fil-Klima (UNFCCC). Il-parteċipazzjoni attiva tagħna fit-tnaqqis ta' l-emissjonijiet ta' $CO_2$ tista' twassal ukoll għal objettiv globali iktar ambizzjuż.

**AĦNA S-SINDKI NĦEĠĠU GVERNIJIET LOKALI U REĠJONALI OĦRAJN SABIEX JISSIEBĦU FL-INIZJATTIVA FAVUR IL-PATT TAS-SINDKI, U PARTIJIET INTERESSATI EWLENIN OĦRA SABIEX JIFFORMALIZZAW IL-KONTRIBUT TAGĦHOM LEJN IL-PATT**

*

*          *

ANNESSI

**1. Ir-rwoli tal-gvernijiet lokali fl-implimentazzjoni tax-xogħol**

**Miżuri favur l-effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija, proġetti għall-enerġija li tiġġedded u azzjonijiet oħra relatati ma' l-enerġija f'oqsma varji ta' attività tal-gvernijiet lokali u reġjonali.**

- jipprovdu l-konsumaturi u s-servizzi

Il-gvernijiet lokali jokkupaw ħafna bini li juża ammonti sostanzjali ta' enerġija, bħal per eżempju għat-tisħin u d-dawl. L-introduzzjoni ta' programmi u azzjonijiet għall-iffrankar ta' l-enerġija fil-bini pubbliku hija qasam fejn jista' jsir tifdil konsiderevoli.

Gvernijiet lokali u reġjonali jipprovdu wkoll servizzi li jużaw ħafna enerġija bħat-trasport pubbliku u d-dwal fit-toroq fejn jista' jsir titjib. U anke fejn l-awtorità tikkuntratta dawn is-servizzi lil provedituri oħrajn, jistgħu jittieħdu miżuri għat-tnaqqis ta' l-użu ta' l-enerġija permezz ta' kuntratti ta' appalt jew ta' servizz.

- jippjanaw, jiżviluppaw u jirregolaw

L-ippjanar ta' l-użu ta' l-art u l-organizzazzjoni tas-sistema tat-trasport huma responsabbiltajiet tal-biċċa l-kbira tal-gvernijiet lokali u reġjonali. Deċiżjonijiet strateġiċi li jirrgwardaw l-iżvilupp urban bħall-evitar tat-tifrix tal-bliet, jistgħu jnaqqsu l-użu ta' l-enerġija għat-trasport.

Il-gvernijiet lokali u reġjonali jistgħu ta' sikwit jaqdu rwol ta' regolatur, per eżempju billi jistabbilixxu standards ta' prestazzjoni fl-enerġija, jew billi jistipulaw l-inkorporazzjoni ta' tagħmir li juża enerġija li tiġġedded f'bini ġdid.

- jagħtu pariri, jimmotivaw u jservu ta' xempju

il-gvernijiet lokali u reġjonali jistgħu jgħinu biex jgħarrfu u jimmotivaw lir-residenti, in-negozji u partijiet interessati lokali oħrajn dwar kif jistgħu jużaw l-enerġija b'mod iktar effiċjenti. Attivitajiet li jqajmu l-kuxjenza huma importanti biex jinvolvu l-komunità kollha fl-appoġġ għal politiki favur l-enerġija sostenibbli. It-tfal huma udjenza importanti għal proġetti dwar l-iffrankar ta' l-enerġija u dwar l-enerġija li tiġġedded: jgħaddu l-lezzjonijiet li jitgħallmu anke lil hinn mill-iskejjel tagħhom. Huwa importanti wkoll li l-awtorità għandha tmexxi bl-eżempju, u taqdi rwol eżemplari f'attivitajiet dwar l-enerġija sostenibbli.

- jipproduċu u jfornu

Il-gvernijiet lokali u reġjonali jistgħu jippromovu l-produzzjoni lokali ta' l-enerġija u l-użu ta' sorsi ta' enerġija li jiġġeddu. Sistemi ta' tisħin distrettwali CHP (Combined Heat and Power) li jużaw il-bijomassa huma eżempju tajjeb ta' dan. Il-gvernijiet lokali u reġjonali jistgħu wkoll iħeġġu liċ-ċittadini jimplimentaw proġetti ta' l-enerġija rinovabbli billi jagħtu appoġġ finanzjarju lil inizjattivi lokali.

**2. Punti ta' Riferiment ta' Eċċellenza (PRE)**

Punti ta' Riferiment ta' Eċċellenza jiġu definiti bħala dawk l-inizjattivi u programmi li jirrappreżentaw mudell madwar id-dinja ta' implimentazzjoni b'suċċess ta' kunċetti dwar l-iżvilupp ta' enerġija sostenibbli f'ambjenti urbani. Rappreżentanti tal-Punti ta' Riferiment ta' Eċċellenza jiddikjaraw permezz tal-Patt ir-rieda tagħhom li jaqsmu l-esperjenza tagħhom u li jgħinu l-bliet jimplimentaw approċċi simili meta dawn huma applikabbli u konvenjenti, u li jimpenjaw ruħhom li jiffaċilitaw it-trasferiment ta' għarfien permezz tad-distribuzzjoni ta' informazzjoni, inklużi linji gwida, il-parteċipazzjoni f'avvenimenti tal-firmatarji tal-Patt, u b'mod ġenerali, kooperazzjoni ta' kuljum mal-Patt.

Punti ta' Riferiment ta' Eċċellenza jistgħu jissiebħu mal-Patt f'kull mument, sakemm:

- il-potenzjal tagħhom jiġi evalwat teknikament minn esperti maħtura mill-Kummissjoni li jitqiesu eċċellenti
- ikunu approvati minn ta' l-inqas Sindku wieħed li huwa firmatarju tal-Patt
- jimpenjaw ruħhom bil-miktub għal programm ta' ħidma ta' azzjonijiet ta' tkattir lejn il-bliet fil-Patt, inkluż ir-rappurtaġġ dwar l-impatt ta' l-attivitajiet tagħhom fi ħdan il-Patt

**3. Strutturi ta' appoġġ**

Il-Patt tas-Sindki huwa miftuħ għal bliet ta' kull daqs fl-Ewropa. Dawk il-bliet li minħabba d-daqs tagħhom ma jkollhomx ir-riżorsi biex iħejju inventarju, jew biex jaħdmu fuq u jabbozzaw pjan ta' azzjoni, għanhom jiġu appoġġjati mill-amministrazzjonijiet li huma kapaċi. Dawn l-istrutturi ta' appoġġ jistgħu jkunu reġjuni, kontej, provinċji, agglomerazzjonijiet, żoni NUTS III, jew bliet "konsulenti". Kull struttura ta' appoġġ ser tkun rikonoxxuta b'mod espliċitu mill-Kummissjoni bħala attur importanti fil-Patt. Il-livell ta' parteċipazzjoni fil-Patt, kif ukoll il-kundizzjonijiet speċifiċi ta' din il-parteċipazzjoni, inklużi setgħat tat-teħid ta' deċiżjonijiet, ser ikunu dettaljati fi ftehima speċifika li ssir bil-miktub.